# Beati u Qaddisin...Novembru

## SAN JOSÉ SANCHEZ DEL RIO zaghzugh martri

## 20 ta' Novembru.

José Sánchez del Río twieled fit-28 ta' Marzu 1913 gewwa Sahuayo fil-Messiku. Il-genituri tieghu Makario Sanchez u Maria del Rio rabbewh, flimkien mat-tlett hutu l-ohra fil-fidi kattolika. Il-familja tieghu emigrat lejn Guadalajara biex issib hajja ahjar. Ircieva l-ewwel tqarbina u aktar tard dahal membru ta' l-Azzjoni Kattolika.



Fis-sena 1926 l-awtoritajiet messikani ghamlu persekuzzjoni kontra r-

religjoni kattolika, imsejha – il-gwerra tal-“cristeros”. L-insara ma accettawx li l-berta’ religjuza taghhom tkun mahnuqa. Ghalhekk ingabru fi gruppi u haduha kontra dawk li kienu jippersegwitawhom.

Hutu kellhom permess mill-genturi taghhom li jaghmlu parti mill-armata kristjana, imma hu ma thalliex ghax kien ghadu ma sarx adult. Kellu madwar tlettax-il sena. Dejjem xtaq li jkun fidili lejn Kristu anke jekk jiehu l-martirju bhala ma hadu bosta li riedu jkunu fidili lejn Gesu’.

Fl-ahhar qata’ xewqtu u dahal membru ta’ l-ezercitu Cristeros. U biex jipprotegi lill-familja tieghu talab li jsejhulu José Luis. Waqt il-battalja tas- 6 ta’ Frar 1928, iz-ziemel li fuqu kien riekeb il-general Guízar Morfín safa’ ferut gravi. Jose’ avvicinah u tah iz-ziemel tieghu fil-waqt li qallu “ Hajtek hija aktar utli minn tieghi.”  Il-general ma riedx, izda imbaghad accetta.

Beda’ jispara bla hniena biex il-general ikollu hin jahrab. Meta spiccalu l-munizzjoni, l-ezercitu federali qabduh prugunier flimkien ma’ zaghzugh iehor jismu Lorenzo.

Iz-zewg zaghzagh gew mitfuha l-habs fost insulti u zuffjett. Jose' talab il-Mulej biex ikollu l-kuragg halli jsofri minn dak li kellu jghaddi. L-ewwel prova tal-perseverana tieghu dehret meta offrewlu li jidhol fl-armata federali u hekk isalva hajtu imma huwa wiegeb: "Pjuttost immut milli naghmel parti minn ezercitu kontra Kristu."

Mill-habs ta' Cotija fejn kien mizmum kiteb lil ommu fejn infurmaha li jemmen li ma kienx fadallu hajja izjed. "Jiena naghmel ir-rieda ta' Alla, imma qatt ma ser nichdu. Inselli ghalikom u ghal huti u nkoraggihom biex ikunu fidili lejn il-Knisja Kattolika. Tinkwetax ghaliha, biss berikini."

Rafael Picazo Sánchez, deputat federali u anke parrinu tieghu u habib tal-familja, wassal iz-zewg prugunieri sa Sahuayo. Xtaq kieku isalvah u tah ghazla, jew joffri l-flus biex jghinu jahrab barra mill-Messiku jew jidhol jaghmel parti mill-ezercitu federali. Meta Jose' irrifjuta kull offerta, parrinuh talab riskatt lill-familja u meta missieru gie bil-flus, Jose talbu biex ma johroga ebda centezmu ghaliex diga' offra hajtu lil Kristu.

Qafluh gewwa l-knisja ta' San Gakbu fejn ordnawlu li jiehu hsieb sriedak tal-glied u z-ziemel ta' parrinuh.

Jose’ kien irrabjat ghaliex il-knisja bidluha maqjel. U minn dak kollu li ordnawlu ma ghamel xejn, anzi qatilhom. Huwa kien ikanta u jirrecita r-Ruzarju u rnexxilu li jitqarben meta kienu jghaddulu l-ikel mit-tieqa zghira. L-ostji konsagrati kienu jkunu mohbija go l-ikel u b’hekk ma kienx biss jitrejjaq bil-gisem izda jissahhah ukoll fir-ruh.

Fl-10  Frar thabbret is-sentenza tal-kundanna tieghu. Il-lejl ta’ qabel ma miet is-suldati sawtuh fil-qieh ta’ saqjah hekk li kkawzawlu feriti li bdew idemmu u sfurzawh li jimxi hafi fit-triq fost tant tbatija. Imma t-tfajjel ghalkemm bata’, talab lil Gesu’ u lil Marija biex itemm b’kuragg il-vjagg hawn fuq l-art qabel ma jinghaqad maghhom fil-genna.

Wassluh sac-cimiterju u ndikawlu l-qabar fejn kien ser jigi midfun. Il-kap tas-suldati ordna li jtuh bil-ponn u ghal kull daqqa kien jghajjat Viva Kristu Re. Fl-ahhar tawh tir wiehed u waqa’ fil-qabar. Difnuh dak il-hin bla tebut u funeral.

Aktar tard nies twajba gabru l-fdalijiet tieghu u poggewhom fil-knisja ta’ San Gakbu fejn ghall-bidu kien prugunier. Kien il-Papa Frangisku li ikkanonizzah ma’ sitta ohra fis-16 ta’ Ottubru 2016.